# L-Innu Popolari 'Kemm Inti Kbir'

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Wieħed mill-għanjiet reliġjużi l-aktar popolari hu bla dubju ta' xejn l-innu 'Kemm Inti Kbir', li jikklassifika t-tieni wara 'Amazing Grace'. M'għandniex xi ngħidu li dal-innu jindaqq ħafna fil-jiem tal-festa ta' Kristu Sultan li tiġi ċċelebrata ġewwa Raħal Ġdid, kemm fil-festi ta' ġewwa, fejn jitgħanna mill-kor tal-parroċċa, imsieħeb minn xi orgni jew orkestra, kemm dawk ta' barra mill-baned tal-post u dawk mistednin. Ta' kull sena għal dawn l-aħħar erba' snin, fuq stedina tal-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan Banda Paola, l-orkestra ukoll issellem lill-vara ta' Kristu Re bid-daqq ta' dal-innu minn fuq palk armat apposta waqt li din tkun għaddejja mill-pjazza fi triqitha lejn il-knisja parrokkjali f'jum il-festa.

Kliem muftieħ: Raħal Ġdid, Paola, Kristu Re, Innu Popolari, Kemm Inti Kbir, Carl Gustaf Boberg, Stuard Wesley Keene Hine, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Soċjali Mużikali 'Kristu Sultan' Banda Paola




L-innu tant popolari 'Kemm Inti Kbir' jaf il-bidu tiegħu ġewwa Mönsterås, fl-Iżvezja, fl-1885. Ċertu Carl Gustaf Boberg (1850-1940), qassis Protestant, editur ta' ġurnal ta' kull ġimgħa, u membru parlamentari Żvediż, kien qed jagħmel passiġġata, meta ħin bla waqt qamet tempesta liema bħalha bir-ragħad u s-sajjetti, u r-riħ beda jonfoħ b'qawwietu kollha. Meta mbagħad l-maltempata għaddiet u ssaffa l-ajru, Boberg seta' jerġa' jixħet ħarstu lejn il-bajja kalma, u jisma' t-tokki tal-qanpiena tal-knisja ġej mill-bogħod. Kien hawn fejn il-versi tal-innu bdew jintisġu ġo qalb Boberg: *O Alla Kbir, kif timlieni bl-għaġeb / Xħin nara l-opri / Ix-xogħol ta' dawk Idejk! / Nilmaħ il-kwiekeb / Nisma' r-ragħda tkarwat! / Tixhed kull ħlejqa l-qawwa ta' dirgħajk.*



Dil-pregjiera, oriġinarjament bl-isem ta' 'O Store Gud' (O Alla Kbir) kienet ġiet ippubblikata f'waħda mill-ġurnali bl-isem ta' 'Witness of the Truth', u b'Boberg bħala editur. Xi żmien wara, dil-għanja nqelbet ukoll għall-Ġermaniż, u fl-1927 ġiet ippubblikata f'verżjoni Russa tat-test Ġermaniż. Kien imbagħad Stuard Wesley Keene Hine (1899-1989), missjunarju Ingliż li għex ħajja twila, li fl-1948 qelibha għall-ilsien pajjiżu, u żidilha wkoll żewġ strofa ġodda minn tiegħu.

F'dik li hi mużika, l-istrofa hi magħmula minn sentenza li tinqasam f'żewġ frażijiet daqsinsew, fejn it-tieni waħda tirrepeti l-istess melodija, li min-naħa tagħha timxi bl-istess ritmu f'kull battata, u ddur dejjem fuq l-istess erba' noti mtarrġin. Dan jikkumplimenta tajjeb ħafna mas-sempliċità u ċ-ċokon tal-bniedem quddiem il-kobor bla qies t'Alla:

ez. 1



Hu biss fir-ritornell li l-melodija tgħolli leħinha u titla' bilġri 'l fuq, biex b'hekk, ir-ruħ tinħeles u tkun tista' tinfexx f'għanja ta' tifħir 'il-Mulej. Hawn ukoll għandna sentenza maqsuma fi tnejn,

bit-tieni parti tirrepeti ’l-ewwel waħda. Fir-ritornell ukoll, jinżamm l-istess ritmu tal-bidu, li bħal donnu ma jridx ibiddel fehmtu, iżda jibqa’ sħiħ mill-bidu sal-aħħar nett:

ez. 2




Il-verżjoni tal-innu bil-Malti, adattament ta’ Andrew Cauchi, fiha ħames strofi, kull waħda mbejna bir-ritornell: *Ninfexx ngħannilek għanja ta’ tifħir* / *Kemm inti kbir, kemm inti kbir*. / *Tgħannilek qalbi għanja ta’ tifħir* / *Kemm inti kbir, kemm inti kbir*.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)